IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

12 ta' Novembru 2016
105/2016

# DĦUL FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA FL-2017

Ir-regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2017-2018 ġew ippublikati fuq il-websajt tal-Knisja f'Malta www.thechurchinmalta.org. B'kollox ser ikun hemm total ta' 1,564 post vakanti. L-applikazzjonijiet jistgħu jsiru, jew onlajn minn nhar l-Erbgħa 16 ta' Novembru 2016, jew f'waħda minn diversi skejjel tal-Knisja bejn Novembru 2016 u Frar 2017 kif indikat fir-regolamenti. Il-proċess tad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja jiddetermina d-dħul fl-ewwel u t-tieni sena kindergarten, fl-ewwel sena primarja u fl-ewwel sena sekondarja. Lista tad-dokumenti meħtieġa, il-ġranet meta wieħed għandu japplika u aktar dettalji huma mniżżla fir-regolamenti.

Għas-sena skolastika li għadha kif bdiet (2016-2017), fl-iskejjel tal-Knisja applikaw 3,715 student li minnhom ġew milqugħa 1,750 fid-diversi livelli. Filwaqt li ma kienx hemm postijiet biżżejjed għal dawk kollha li applikaw, fl-ewwel sena sekondarja s-subien kollha li applikaw ġew offruti post f'xi skola tal-Knisja.

Skont kif spjegat fir-regolamenti li għadhom kif ġew ippublikati, f'Novembru ser jintlaqgħu l-applikazzjonijiet tal-ewwel kriterju: tfal li huma fi djar tal-Knisja, tfal tal-impjegati li jaħdmu fi skola tal-Knisja, aħwa li għandhom ħuthom fi skola tal-Knisja, transfers bejn skejjel tal-istess kongregazzjoni, dawk eżentati mill-attendenza, u tfal li qegħdin fi skejjel tal-Knisja bla kontinwità.

F'Jannar u Frar 2017 jintlaqgħu l-applikazzjonijiet ta' applikanti oħra li jew għadhom ma bdewx jattendu skola jew qed jattendu skola tal-Istat jew skola indipendenti.

In-numru ta' postijiet vakanti għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja fis-sena skolastika 2017-2018 huwa kif ġej:

| Sena | Postijiet Vakanti Subien | Postijiet Vakanti Bniet | Total Postijiet Vakanti |
|---|---|---|---|
| L-ewwel sena kindergarten | 69 | 99 | 168 |
| It-tieni sena kindergarten | 142 | 320 | 462 |
| L-ewwel sena primarja | 377 | 237 | 614 |
| L-ewwel sena sekondarja | 273 | 47 | 320 |
| **TOTAL** | 861 | 703 | 1,564 |

Ser jingħataw ukoll numru ta' postijiet lil tfal ikkunsidrati bħala każijiet serji li għalihom hemm regolamenti speċifiċi. Il-każijiet serji jinkludu tfal li għandhom bżonn l-għajnuna ta' LSA, każijiet soċjali u każijiet ta' tfal refuġjati. Il-każijiet serji jsegwu proċess parallel għall-applikazzjonijiet l-oħra u jibdew jintlaqgħu f'Novembru 2016 għal dawk tal-ewwel kriterju u f'Jannar 2017 għall-applikazzjonijiet oħra. Dawk li ser japplikaw f'dan il-kriterju għandhom isegwu l-istruzzjonijiet ippublikati fir-regolamenti tal-Każijiet Serji fuq il-websajt tal-Knisja f'Malta www.thechurchinmalta.org.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**